# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru   26**

**Avviz  numru   618/01/SM**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Commercial Lifts Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' Gunju tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u sitta u disghajn lira Maltin (LM796.00,0) rappresentanti import ta' ghaxar (10) kambjali, wahda ta' LM4 u l-ohrajn ta' LM88 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Settembru 2000 sa Gunju 2001 rispettivament u mhux**

**imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 10 konsekuttivament u inklusivament. Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2001 jammontaw ghall-LM22, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Marzu 2001 kontra s-socjeta' konvenuta li rrappresentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata l-15 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz taghha informat lill-qorti bis-segwenti:**

**Li biha tiddikjara li s-socjeta' konvenuta fil-mori tal-kawza hallset is-somma ta' LM748 u dana in kwantu ghall-LM711 akkont tas-sorte u LM37 imghax dovut sat-13 ta' Novembru, 2001;**

**Ghalhekk is-socjeta' attrici qed tirriduci t-talba bis-somma fuq imsemmija u zzommha ferma ghall-LM85 bilanc mis-sorte, bl-imghax mill-14 ta' Novembru, 2001 u l-ispejjez tal-kawza;**

**Rat ukoll in-nota ulterjuri tas-socjeta' attrici datata l-11 ta' Dicembru tas-sena 2001 li permezz taghha informat lill-qorti bis-segwenti:**

1. **Illi qed iccedi s-sorte stante li thallas fil-mori tal-kawza;**

2. **Illi qed izzomm ferm il-kap ta' l-ispejjez;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tal-premess tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez ta' din il-procedura skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**